MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Avviz Numru. 343/2012

**Farenhiet Freight Forwarders Limited
(C 17421)**

**vs**

**Pony Express (Malta) Limited
(C 23175)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-15 ta’ Ottubru 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ sebat elef, hames mija u tlieta u tmenin Ewro, sebgha u hamsin centezmu (€7,583.57) rapprezentanti prezz ta’

servizzi ta’ freight forwarding moghtija lilha fuq struzzjonijiet taghha stess.

Bl-ispejjez tal-proceduri presenti kif ukoll tal-ittra ufficjali 1337/12 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata permezz ta’ affissjoni fil-Kunsill Lokali ta’ Pembroke u fl-Ghassa tal-Puluzija ta’ San Giljan fis 17 ta’ JAnnar 2013 (fol 8 tergo) filwaqt illi saret pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit 22 ta’ Frar 2013 (fol 11). Saret ukoll publikazzjoni fil-Malta Indenepdent tal 1 ta’ Marzu 2103 (fol 14).

Illi fis-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 18).

Rat illi fis-seduta tat-25 ta’ Marzu, 2013 is-socjeta konvenuta giet imsejjaha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, hames mija u tlieta u tmenin Ewro, sebgha u hamsin centezmu (€7,583.57) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi mill-presentata ta' dana l-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------